MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2012

Numru 998/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Trevor Micallef)
**vs.**
**Dionisio Juarez Gordillo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Dionisio Juarez Gordillo, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Dionisio u Maria De Los Angeles neé Gordillo Martinez, imwieled Spanja, fis-27 ta` Gunju 1985, joqghod 72, Flat 2, Triq is-Sirk, is-Swieqi, detentur tal-karta ta` l-identita 72927(A) (ID Spanjol nru. 09039977B), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Settembru 2012 ghal habta tat-tlieta ta` filghodu (03:00a.m.) gewwa Bar Native, Turgien Santa Rita, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta'

Manuel Casanueva Marenco (Artikolu 216 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Talli fl-stess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Artikolu 338(dd) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta htija tipprovdi ghal garanzija ta' Manuel Casanueva Marenco skond Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tinkwadra taht Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiskuza ruhu mal-parti leza Manuel Casanueva Marenco u semghet ukoll lill-istess parti leza jiddikjara li huwa kien qed jaccetta l-iskuzi tal-imputat u li ma kellux aktar interess f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, id-dikjarazzjoni tal-parti leza fis-seduta

tallum, il-fedina penali tal-imputat (li jirrizulta li hija wahda nadifa) u l-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Pulizija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghal tmintax (18) il-xahar.

A tenur ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita’ tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

In segwitu ta’ dak dikjarat fis-seduta tallum mill-parti leza Manuel Casanueva Marenco, il-Qorti ma tarax raguni ghala ghandu jigi applikat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------